# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 499/2018 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**ME**

**vs**

**KC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' ME, datat 8 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., fejn intqal :

*Illi huwa zzewwgu nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar 2010 gewwa r-Registru taz-Zwieg, il-Belt Valletta liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv X ;*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Dottor Elaine Farrugia fis-7 ta' Novembru 2013 ;*

*Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni stante dekadenza minn naha ta' l-intimata ;*

*Illi bejn l-partijiet ma hemmx tfal ;*

*Illi llum il-gurnata ma hemm l-ebda prospett ragnevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;*

*Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-paartijiet.*

*Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara mahlul iz-zwieg taghhom u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata dehret mhux assistita u gew spjegati lilha d-drittijiet legali taghha u rrispondiet illi ma tehtiegx assistenza legali u li ma kienitx qed topponi ghad-divorzju (vide fol 16);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**ME** xehed illi l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Frar 2010 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-7 ta' Novembru 2013 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Xehed illi m'hemm ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemmx tama ta' rikonciljazzjoni.

**KC** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' Frar 2010 (vide certifikat taz-zwieg a fol 15) u li minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda wlied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Elaine Farrugia, datat 7 ta' Novembru 2013 (vide kuntratt a fol 3 et seqq., debitament awtorizzat mill-Qorti) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**